Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 60**
**Hamis 14 ta' Dicembru**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30 pm.

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai :  Sindku
Charles Selvaggi :  Kunsillier
Romina Galea :  Viċi Sindku
Jean Claude Borg :  Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop :  Kunsillier
Emanuel Brincat :  Kunsillier
Renald Camilleri :  Kunsillier
Alfred Farrugia :  Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Maurice Agius :  Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella :  Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

60.1.01 Is-segretarju Eżekuttiv qara l-ittri ta' apoloġija tas-sur Maurice Agius li talab sabiex ikun skużat. Il-kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

**60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

60.2.01 Kif avżat f'seduta preċedenti Il-minuti tas-seduta L8-59 se jkunu preżentati f'seduta L8-61.

**60.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

60.3.01 B'referenza għal minuti 59.3.01, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar iċ-ċerimonja tal-għeluq ta r-Regjun Ewropew għall- Isport 2023 li saret f'12 ta' Diċembru.

60.3.02 B'referenza għal Ċirkulari AKL 2023/108, Is-sindku għarrfet lill kunsilliera preżenti li nhar Erbgħa 6 ta' Diċembru attendiet għat tnedija tal- proġetti R.I.G.H.T.S (Regional Interactive Guiding Hub & Training Society) mill-Onor Prim Ministru, Dr Robert Abela. Dan il-proġett huwa mmexxi mill-Malta Foundation for the Wellbeing of Society b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. L-iskop ewlieni huwa li tinħoloq aktar kuxjenza soċjali dwar il-kwistjoni tal-parteċipazzjoni tat-tfal b'mod mifrux u aktar wiesgħa, inkluż fl-iskejjel, l-awtoritajiet lokali, l-istituzzjonijiet u l-komunità ġenerali.

60.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għamlet referenza għas-seminar ''Clean Localities – Our Shared Responsibility'' li sar f'Ottubru li għadda u għarrfet lill kunsilliera preżenti li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendiet għal laqgħa ta' segwitu. Waqt din il-laqgħa, gie preżentat rapport u saret diskussjoni dwar l-konklużjonijiet li ħarġu.

60.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza dwar xelter tat-tieni Gwerra li jinsab fiż-żona ta' Triq il-Kuncizzjoni c/w Triq il-Wied, maġenb il-ġibjun tal-ilma. Hawn gharrfet lill kunsilliera preżenti bil-kontenut li jispjega kif dan jinsab fi stat diżastruż minħabba li ġie wżat bħala sit ta' rimi jew scrap yard. Hemm wkoll spjegat li go fih hemm numru ta' tinqix reliġjużi fuq l-ġebla tal-franka li huma uniċi u artistiċi. Għalhekk qed ssir talba sabiex il-kunsill jieħu azzjoni li twassal biex dan is-sit ikun protett.

Saret diskussjoni dwar fejn huwa dan ix-xelter u x'jista' jsir sabiex permezz tal-awtoritajiet konċernati ssir dak li hemm bżonn biex dan jiġi mnaddfa u l-aċċess magħluq b'mod addattat.

**60.4 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

60.4.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-laqgħa pubblika li ġiet msejjħa qabel is-seduta. Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il- mejda il-programm ta' ħidma għas-sena 2024 bil-proposti jew tiġdid jew l-emendi diskussi u approvati matul is-sena kurrenti li ttieħed bħala moqri u staqsa lill kunsilliera preżenti jekk hemm aktar xi jzidu.
Il-kunsilliera approvaw il-programm ta' ħidma għas-sena 2024 unanimament.

60.4.02 B'referenza għal minuti 59.5.03, is-Sur Nicholas J. Chircop għarraf lill kunsilliera preżenti li l- programm mużikali fuq iz-zuntier fl-24 ta' Diċembru se jiġi jiswa lill kunsill €300. Filwaqt li l- programm mużikali għal l-istudenti tal-iskola primarja L-Imsida (Sta Theresa) se jiġi jiswa €260.

60.4.03 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar l-abbużi ta' rimi ta' skart minn kull tip li qed ikun hemm mal-Bring in Site ħdejn l-iskola go Triq Victor Denaro fejn ippropona li dawn għandhom jiġu żarmati minn hemm għax aktar il'quddiem xorta rrid issir hekk minħabba il-proġett li jrid ssir fil-pjazza (Project Green) li għalihom mhux se jkun hemm aċċess.
Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li ġa talab verbalment lill l-iskema li topera il- BIS sabiex dawn jiġu żarmati iżda dawn qed jitolbu sabiex jiġu allokati go sit alternattiv ieħor. Għal dan wiegeb li go l-Imsida huwa diffiċli li ssib fejn issiru minħabba bosta raġunijiet fosthom li m'hemmx spazju pubbliku addattat apparti li xi żmien ilu kien sar suġġeriment għal zoni oħra li l-stess skema ma' aċċettatx minħabba l-maniġġjar tagħhom biex il-kuntrattur jitbattal is-sit.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li l-BIS go Triq Victor Denaro għanda tigi żarmata.

60.4.04 B'referenza għal minuti 58.5.02, Is-sur Jean Claude Borg staqsa dwar notifika għar-residenti f'rigward tal-immaniġġjar ta'Traffiku propost għal Triq San Lwiġi fit-telgħa minn Triq il-Kunċizzjoni.

Is-segretarju Eżekuttiv wieġeb li minħabba xogħol ieħor għad ma kienx hemm ċans li jipprepara il-pjan tal-immaniġġjar tat-traffiku kif propost b'direzzjoni l-isfel mill- pont u bil-ħin bħal m'hemm implimentata ħdejn l-iskola ta' Hal-Lija. Hawn spjega li l-kunsill rrid l-ewwel trid tara x' tgħid Transport Malta qabel ma'ssir komunikazzjoni mar-residenti

60.4.05 B'referenza ghall minuti 59.5.07 dwar isem għal parti minn go Triq Misraħ il-Barrieri fejn ir-round about sa Triq il-Franġiskani, Is-Sur Jean Claude Borg ippropona żewġt ismijiet "Francesco Tabone li kien għamel l-istatwa u ħa' ħsieb li ssir il-festa ta' San Guzepp jew Emanuel Abela li kien Sindku u ħadem ħafna fil-lokal"

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew fejn qablu li t-tieni proposta tista' tkun aktar eliġibbli għal kunsiderazzjoni tal-Kumitat għat-Tismija ta'Toroq.

60.4.06 Is-sur Charles Selvaġġi għamel referenza għal-minuti 59.5.08, dwar il-pjan għal immaniġġjar tat-Traffiku propost go Triq Censu Farrugia fejn issuġġerixxa li qabel ma tittieħed deċiżjoni finali, il-kunsill għandu xorta jikkunsidra li ssir laqgħa apposta għall-konsultazzjoni mar-residenti.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa' nota.

60.4.07 Is-Sur Alfred Farrugia għarraf lill kunsilliera preżenti li l-ġardinar ħa ħsieb iħawwel bosta ponsjetti mal-Imsida mingħajr obbligu ta' ħlas.

60.4.08 Is-sur Charles Selvaġġi tkellem dwar stekkati li hemm ma'żewġt siti ħdejn id-dar tal-anzjani go Triq Clarence fejn spjega li minħabba dawn m'hemmx bankina, in-nies qed jinżlu got- triq.
Is-segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa' għandu nota u se jmur fuq is-sit ħa jkejjel u jara jekk hux possibbli li l-parkeġġ joħroġ ftit il-barra sabiex jinħoloq passaġġ flok bankina.

60.4.09 B'referenza għal minuti 59.4.03, Is-sur Charles Selvaġġi tkellem dwar xi xogħol li ra għaddej minn Triq Mikiel Anton Vassalli taħt il-parti magħluqa ta' Triq Achille Ferris u staqsa jekk dan hux relatata u se jingħata bidu għax- xogħol biex tissewwa l-istruttura kundannata jew x'tagħrif ta' kif se jahdem il-kuntrattur.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet kif fil-fatt kienet sejra għal laqgħa ma' Transport Malta (minuti 59.4.01) flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ġie osservat li kien qed ssir xogħol ta' tħammil taħt l-istruttura minn go Triq Mikiel Anton Vassalli b'karreġġjata magħluqa li bih il-kunsill ma'kienx avżat la dwar kif se jaħdem u lanqas biex jinħareġ il-permess tal-makkinarju relatat. L-istess kien il-każ f'rigward tal-awtorità li mal-ewwel bagħatu l-uffiċjali li waqfu lill- kuntrattur milli jkompli meta raw x'qed jiġri bla permess.

60.4.10 B'referenza għal minuti 59.4.01, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar il-laqgħa ma' Transport Malta f'rigward tal-immaniġġjar tat-traffiku fl-attività tal-Kunsill Lokali għal European Mobility Week 2023 li saret nhar il-Ġimgħa 22 ta' Settembru. Hawn spjegat li l-uffiċjal inkarigat ġie mgħarraf dwar dak li seħħ fejn (1) Li mill bidu nett tal-applikazzjoni dejjem kien hemm inkluż fil-korrispondenza relatata (email thread) bosta uffiċjali minn dipartimenti differenti tal-awtorità, Pulizija, u LESA. (2) Ħareġ avviż uffiċjali mill- pulizija fuq il-gazzetta tal-gvern. (3) li meta il-pulizija staqsew lix-xufiera tal-linja dawn wieġbu li ma' kienux infurmati dwar l-għeluq ta' Triq Xatt Ta'Xbiex k/m Triq Antonio Bosio meta l-korrispondenza kien hemm struzzjonijiet biex dan ssir. (4) Kien hemm bosta uffiċjali minn kull settur li qalu li ma' kienux infurmati dwar l-attività. (5) Ġie nnotata li ma' kienx ġej traffiku minn Triq Mikiel Anton Vassalli għax xi ħadd ta' ordni biex jingħalaq l-aċċess minn ħdejn Skate Park. (6) Ġiet nottat li ma' kienx ġej traffiku sa' Triq Antonio Bosio għax xi ħadd ta' ordni biex jingħalaq l-aċċess minn ħdejn Triq Abate Rigord. Din reġgħet ġiet miftuħa wara li s-Segretarju Eżekuttiv mar jgħarraf lill pulizija tat- traffiku li din il-parti ta' triq mhux suppost magħluqa iżda dak il-ħin kien tard wisq għax kien hemm kollox stagnant.

60.4.11 Is-Sur Charles Selvaġġi tkellem dwar periklu go Triq Ġemma Portelli minħabba li qed ssir parkeġġ bl-addoċċ li qed jostakola il-vista meta tiġi biex toħroġ għat-triq Arterjali.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li tkellmet ma' resident konċernat u ftehmu li wara il-festi se tmur mas- Segretarju Eżekuttiv biex jiltaqgħu u tara x'jista' ssir.

60.4.12 Is-sur Charles Selvaġġi tkellem dwar lista li ġiet ippreżentat minn resident fis-Swatar fejn jaf li ġa qed ssir xi ħaġa dwar x' wħud mill-kontenut u talab li jiġu diskussi l-oħrajn.
Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li rat il-lista u fejn hemm affarijiet li jistgħu jsiru mhux problema.

Is-segretarju Eżekuttiv spjega li dar lil-lista u ta' spjega għal dak kollu li kien hemm fil- kontenut f'rigward (1) ta' road humps qed ssir verifika għal permessi ta' TM u fil-każ li hemm bżonn li ssir applikazzjoni. Dawn ikunu approvati biss skond il- bżonn prattiku ta' dawn u jekk ikun hemm kunsens mir-residenti, ta' triq li jkunu 3 bibien il-bogħod minn kull naħa tar-road hump. (2) Ta' Tabelli varji bħal "No Entry","Speed Limit","Give Way", "Direction", "No Turn" jew " oħrajn bħal dawk li jsiru għal Annimali" jistgħu jiġu applikati sakemm ikunu konformi ma' L.S 65 u linji Gwida ta' TM kif meħtieġ, skond id-daqs u l-għamla jew il- bżonn prattiku ta' dawn. (3) Ta' kontroll jew infurzar dwar storbju kawżat minn jew wara attività sportiva, tlajjar , parkeġġ ħażin u oħrajn jiddependi minn rapporti minn individwi mal- awtoritajiet jew oħrajn li jsiru mal- kunsill li jwassalhom lill Pulizija, LESA,TM jew ERA u r-rispons tagħhom. Il-kunsill jista’ jara li jagħmel tabelli għal- mġieba tajba bħal ma' saru go postijiet oħra iżda m’hemmx garanzija kemm se jkunu effettivi. (4) Ta' Residential parking "minuti 57.4.06 " (5) Ta' Parkeġġ bl-addoċċ minn trasport tal-iskola. Dawn suppost għandhom zona allokata, għalhekk hemm bżonn ssir laqgħa mal-amministrazzjoni tal-kulleġġ msemmi" (6) Ta' Konnessjoni pedonali minn Swatar għal Triq il-Wied " minuti 47.4.02". (7) f’rigward ta’ rotta tal-linja li żmien ilu saret komunikazzjoni b’suġġeriment u anke laqgħa ma’ sezzjoni konċernata f’ Transport Malta li kellhom jikkunsidraw u jekk hux vijabbli (minuti 26.4.10).L- istess sar dwar il-bus shelter mal- operatur inkarigat li jrid jieħu ħsieb għal permessi neċessarji mill-awtoritajiet konċernati. Hawn fakkar li kien żmien ta’ kważi erba’ snin li ma sar xejn minħabba li kien hemm appell u kawża fil-qorti dwar l-għoti tal-kuntratt mill- AKL (minuti 7.3.03 ). Fl-aħħar tkellem dwar kumment għal tabelli b' vleġeġ għal xejn u mhux ta’ bżonn go Triq San Andrija u staqsa għal x'hiex ir-resident qed jirreferi minħabba li f’ din it-triq li hija One Way l-isfel hemm ukoll tabella ta' No entry f'naħa t'isfel li tindika " except for registered farmers only holding LC permit". Bejn dawn il-vetturi kbar u trakk tal-iskart hemm 5 permessi sabiex ikunu jistgħu jitilgħu l-fuq minħabba problema (verifikata) t’aċċess għal għelieqi jew manuvrar (minuti 31.4.01). Dan jispjega għala hemm it-tabelli msemmija li qed jiġbdu l-attenzjoni u jindikaw "Give way" għal dawn il-vetturi.

60.4.13 Is-Sur Alfred Farrugia għamel referenza għal minuti 47.4.02 u staqsa jekk kienx hemm x’iżviluppi għat tieni fażi tal- afforestazzjoni.
Is-sur Emanuel Brincat wieġeb li minn ambjent Malta ġew trasferiti bosta responsabiltajiet inkluż budget u riżorsi għal Project Green għalhekk qed jitlob biex ssir laqgħa magħhom b' iskop li ssir diskussjoni dwar l-fażi li jmiss, l-pjanta u l-estimi għal kunsiderazzjoni biex ikomplu minn fejn waslu ta’ qabel.

60.4.14 Is-sur Jean Claude Borg tkellem dwar l-istat ta' tarag bejn San Lwiġi u Triq il-Kunċizzjoni u talab lill-kunsill ikellem lill iżviluppatur tal-bini ġdid ħalli jitranġa fejn ħarbat.
Is-sur Emanuel Brincat ħa nota u wieġeb li min kien qed jieħu ħsieb ma għadux magħhom u se jara min hemm floku.

**60.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;**

60.5.01 Is-segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-60 ta’ ħlasijiet bejn l-1 u 14 ta’ Diċembru inkluż i-pagi, stipendji, l-onorarja u l-allowance tal-kunsilliera.
Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l-iskeda unanimament li ġiet proposta mis-sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-sur Alfred Farrugia.

**60.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

60.6.01 Il-laqgħa ntemmet fis- 06:38 ta' filgħaxija, u seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 16 ta' Jannar 2024 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 16 ta' Jannar 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |